8 ta' Mejju, 1967

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir *Anthony* J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Joseph E. Mamo noe

*versus*

Perit Arkitett Joseph Barbara et

**Elevazzjoni — Qbid — Mandat ta' — Kotba tal-kummerċ — Applikabilita għall-**

*Il-kotba tal-kummerċ ma jistgħux jiffurmaw l-oġġett ta' mandat ta' qbid biex b'hekk tiġi kawtelata l-produzzjoni tagħhom bħala prova.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha wara li ppremetta li l-konvenuti għandhom numru żgħir ta' azzjonijiet fil-kumpanija attriċi, ottenew il-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju ta' Qbid kontra l-attur nomine fis-17 ta' April, 1967 (Mandat Numru 158/67 — Dok. A) peress li ħalfu li fl-opinjoni tagħ-

hom kien hemm raġunijiet gravi biex jitolbu l-Qorti xxolji s-soċjetà attriċi u sabiex jistgħu jippruvaw dawn ir-raġunijiet u jiġu salvagwardati l-interessi tagħhom sax-xoljiment effettiv kien essenzjali li l-kotba u dokumenti kollha tas-soċjetà jiġu preservati intatti u jkunu taħt il-kustodja tal-Qorti, u li in esekuzzjoni ta' dan il-mandat ġew maqbuda l-kotba, dokumenti u korrispondenza tal-kumpanija attriċi li huma indikati fir-riferta tal-Marixxal esekutant (Dok. A); u li l-kumpanija attriċi ġiet b'dan il-mod ipprivata mill-użu tal-kotba u dokumenti soċjali b'mod li ma tistax tkompli topera efficjentement, bi preġudizzju kbir għall-attivitajiet tagħha u tista' ssofri danni kbar u li l-liġi ma tagħtix id-dritt tal-elevazzjoni tal-kotba u dokumenti soċjali, talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija dik l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka tal-imsemmi mandat ta' Qbid as-17 ta' April, 1967 u ta' l-esekuzzjoni tiegħu.

Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha talbu illi d-domanda tal-attur nomine għandha tiġi riġettata għaliex il-mandat huwa skond il-liġi u hu essenzjali li jibqa' in vigore biex jiġu protetti l-interessi tal-konvenuti, salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Mejju, 1967 li biha t-talba ta' l-attur ġiet milqugħa bl-ispejjeż wara li kkunsidrat:

Omissis.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat;

Kif ġa irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Ottubru, 1936 fil-kawża fl-ismijiet "Tabone v. Manara" (Kollez. Vol. XXIX, iii, 299) ġie ritenut sostanzjalment illi l-kotba tal-kummerċ m'humiex elevabbli b'mandat kawtelatorju ta' qbid. Dik il-Qorti bbażat din il-konklużjoni tagħha fuq l-artikoli 28 u 29 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1927 (issa artikoli 27 & 28 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) li jirregolaw il-mod kif jistgħu jiġu ordnati l-produzzjoni jew l-eżami ta' karti u kotba tal-kummerċ. Il-Qorti qalet illi minn dawk id-disposizzjonijiet kien jidher biċ-ċar illi l-leġislatur ried jimpedixxi dak li preċiżament kien ġara f'dak il-każ u li qabel l-introduzzjoni tagħhom kien jiġri spiss, illi fil-każ li wieħed mis-soċi jkollu xi jgħid, jew fil-każ ta' likwidazzjoni tas-soċjetà, isir mandat ta' l-elevazzjoni u l-kotba kummerċjali tas-soċjetà jiġu mqiegħdin fir-Reġistru tal-Qorti b'dannu possibbli u evidenti da parti tas-soċjetà jew tas-soċji. F'dak il-każ wkoll il-kotba kienu ġew elevati fuq il-pretensjoni ta' l-irregolarità tagħhom u biex jiġi impedut illi l-istess kotba jiġu alterati.

Pratikament l-istess ħaġa ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Novembru, 1937 fil-kawża "Moore vs Briffa" (Kollez. Vol. XXIX, i,i 1505) fejn intqal illi middisposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli tal-Kodiċi tal-Kummerċ jidher illi "r-rimedju kawtelatorju tal-mandat ta' l-elevazzjoni kif inhu kontemplat fil-liġi tal-Proċedura Ċivili ma jistax ikun applikat mingħajr ċerta proċedura speċjali, għaliex f'dak il-każ hu biżżejjed il-ġurament tar-rikorrent, anki qabel ma tkun preżentata ċ-ċitazzjoni, u dak il-mandat ikun spedit fuq ir-risponsabbilità tar-rikorrent: mentri f'dan il-każ, skond il-kliem u l-ispirtu tal-liġi, il-Qorti għandha tiġi investita filinċident biex tkun tista' tagħti l-provvedimenti neċessarji għattutela tal-partijiet.

Din il-Qorti taqbel in ġenerali ma dawk is-sentenzi fis-

sens li ġej. Il-Qorti tirritieni, kif jidher wkoll li irriteniet fil-każ preżenti l-ewwel Onorabbli Qorti, illi anki indipendentement għal kollox mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili rigwardanti l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ma kienux u m'humiex intiżi għall-iskop li għalih il-mandat ġie maħruġ fil-każ preżenti. Oġġett tal-mandat ta' qbid, kif jgħid testwalment l-artikolu 285 (li hu applikat għal mandat kawtelatorju bl-artikolu (849) hu li tiġi maqbuda minn għand id-debitur "ħwejjeġ li jiswew daqs is-somma mitluba mill-kreditur" jew li tiġi maqbuda "il-ħaġa msemmija fit-titolu" li bis-saħħa tiegħu l-qbid jintalab. Li skop finali tal-mandat ta' qbid hu kjarament dak li bil-ħaġa maqbuda jew bir-rikavat mill-bejgħ ġudizzjali tagħha il-kreditur jista' jitħallas jew illi l-ħaġa nfisha tittieħed mill-kreditur għax tiegħu jew għandu dritt għaliha.

Fil-każ preżenti l-mandat ġie mitlub u nħareġ unikament biex il-kotba u dokumenti maqbuda jistgħu jservu ta' prova ta' l-allegazzjonijiet magħmulin mill-appellanti kontra l-appellat. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, din m'hix kwistjoni ta' mandat ta' qbid iżda kwistjoni ta' produzzjoni ta' dokumenti li għaliha jipprovdu l-artikoli 637 et sec tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili kif, issa, modifikati rigward karti u kotba tal-kummerċ bl-artikoli 27 u 28 fuq imsemmija tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Meta dawn l-aħħar artikoli ġew l-ewwel darba introdotti bl-Att Nru. XXX ta' l-1927 li skop, fil-fehma tal-Qorti ma kienx proprjament dak li jiġu derogati rigward il-karti u l-kotba kontemplati fihom id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili relativi għall-mandat kawtelatorju ta' qbid; dawk id-disposizzjonijiet hekk jew hekk ma kienu qatt applikabbli għal skop ta' produzzjoni ta' karti jew kotba bħala prova Invece id-disposizzjonijiet ġodda introdotti bl-imsemmi Att kienu intiżi biex jillimitaw u jirregolaw aħjar l-eżekuzzjoni jew komunikazzjoni tal-karti u l-kotba tal-kummerċ, minn kif qabel kienu jistgħu jiġu mitluba jew ordnati skond id-disposizzjonijiet ġenerali

dwar il-produzzjoni ta' dokumenti kontenuti fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Għalhekk l-appellanti jistgħu talvolta, fil-kawża issa istitwita minnhom wara l-ħruġ tal-mandat jitolbu provvedimenti oħra xierqa u permessi skond il-liġi fil-każ li jkun hemm tassew bżonn għalihom iżda ma setgħux jitolbu u joħorġu l-mandat ta' qbid in kwistjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.